


# Il-Vari Proċessjonali tal-Festa Maltija Ikoni Ewlenin ta' Identità Lokali u Internazzjonali

**Minn Victor Caruana** B.A.(Hons), M.A. Storja tal-Arti

***Dan l-artiklu meħud minn preżentazzjoni li saret mill-awtur f'attività organizzata minn Heritage Malta fil-Mużew Nazzjonali tal-Etnografija, Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu, bejn it-12 ta' Frar u t-3 t'April 2011.***

Il-Purċissjonijiet minn dejjem kienu tip ta' ċelebrazzjoni pubblika b'forma ta' ċerimonja impressjonanti li tkun magħmula b'ordni speċifiku. Dawn kellhom natura reliġjuża biex juru devozzjoni u qima jew inkella statali, biex juru sens ta' ċelebrazzjoni u trijonf. F'dawn il-purċissjonijiet kien ikun hemm xi oġġett jew persuna importanti li jkun iċ-ċentru ta' kollox u li ad unur tiegħu tkun qed issir l-istess purċissjoni. Il-Purċissjoni kienet parti essenzjali mir-rit fejn l-oġġett jew il-persuna importanti tinġarr u titwassal minn post għall-ieħor filwaqt li tingħata qima u ġieħ mill-pubbliku li jkun jassisti. Hafna drabi, iċ-ċentru tal-purċissjoni ta' natura statali kien ikun persuna, li tkun qed tiġi ċċelebrata u gglorifikata minħabba l-importanza tagħha jew xi suċċess li tkun għamlet f'xi battalja jew gwerra.

Sa mill-qedem, purċissjonijiet ta' natura reliġjuża (Nisranija) ġeneralment kien ikollhom oġġett sagru bħala ċ-ċentru taghhom. Dawn kienu xhieda tar-rabta t'Alla mal-poplu tiegħu kif ukoll xi tifkira ta' persuna importanti u influwenti li magħha jkun hemm devozzjoni qawwija. Wara li fir-4 seklu W.K. Kostantinu l-Kbir iddikjara l-libertà ta' kult għar-reliġjon Nisranija, il-purcissjonijiet bdew isiru b'mod aktar pubbliku. Iċ-ċentru ta' dawn il-purċissjonijiet kienu jkunu r-relikwi tas-Salib Imqaddes jew tal-qaddisin. L-unika eċċezzjoni matul iż-żmien fejn f'purċissjoni reliġjuza kienet tiġi merfugħa persuna minflok oġġett sagru kien fiċ-ċerimonji Papali, fejn il-Papa kien jintrefa' fuq l-ispallejn u jinġarr minn post għall-ieħor b'sinjal ta' qima.

Il-Konċilju ta' Trentu (1545-1563) kien importanti ferm f'dak li għandu x'jaqsam mal-arti sagra. Rigward skultura, dan iddikjara li x-xbihat ta' Kristu, l-Madonna u l-qaddisin kellhom jinżammu fil-knejjes u jingħataw qima li tkun diretta lejn dak li jirrappreżntaw. L-iskop kien li tissaħħah il-fidi fost il-fidili kif ukoll sabiex permezz tagħhom, jigu kkonvertiti dawk li ma kinux Insara.

L-istatwi Spanjoli kienu determinanti sabiex dan l-iskop jintlaħaq. Dawn l-immaġni huma bbazati fuq l-aspett realistiku tal-figuri sabiex il-popolin iħoss qrib tiegħu dak li hu divin. Allura, dawn kienu jigu skulturati b'mod mill-aktar iddettaljat, b'uċuħ u jdejn li fihom jidhru l-iżgħar tikmixa u l-irqaq vina, għajnejn tal-ħġieġ, xagħar ta' veru jew immudellat b'mod fin u ħwejjeġ maħduma minn drapp rikk. Dawn l-istatwi kellhom ukoll il-possibilità li tinbidlilhom il-pożizzjoni biex ikunu jistgħu jirrapreżentaw suġġett ieħor u jidhru aktar realistiċi.

It-tkattir ta' bosta purċissjonijiet sabiex jaffermaw, isaħħu u jkattru t-tagħlim tal-Knisja Kattolika maż-żmien twaħħad mal-użu ta' dawn l-istatwi Spanjoli biex ħoloq spettaklu impressjonanti li kien jiċċelebra u jigglorifika l-kobor tal-Knisja filwaqt li jsaħħar lid-devot u jwaħħdu mar-reliġjon Kattolika.

Permezz tal-vari tagħhom, Kristu, l-Madonna u l-qaddisin ħadu post l-Imperatur li kien jiġi merfugħ b'qima u mdawwar trijonfalment mat-toroq tal-Imperu tiegħu biex jingħata tislima mill-poplu. Jidher li x-xbiha kienet tissodisfa lill-bniedem aktar mir-relikwarju sabiex jersaq aktar lejn il-qaddis, kif juri sew il-fatt li l-użu tal-istatwi baqa' dejjem jiżdied u jżid fl-importanza tiegħu matul iż-żmien. Għalhekk, minn dak iż-żmien 'l hawn, l-użu tal-istatwi fil-purċissjonijiet (bl-iżvilupp tat-terminu '*vara*' għal statwi ta' dan l-iskop partikolari) kompla dejjem jikber u xtered f'ħafna pajjiżi li fihom l-influwenza Spanjola fit-tradizzjonijiet reliġjużi kienet qawwija. Illum, fil-fatt, dawn saru użanza importanti u ċentru tal-attenzjoni u attrazzjoni f'dawn il-manifestazzjonijiet ta' fidi.

L-Iżvilupp tal-Purċissjonijiet u l-Vari Maltin

Bħal ħafna affarijiet oħra relatati mat-tradizzjonijiet u l-folklor reliġjuż, x'aktarx li l-użu tal-vari fil-purċissjonijiet Maltin daħal fi gżiritna minn Sqallija u l-Italja t'isfel, li min-naħa tagħhom kienu xorbu ħafna mill-użanzi Spanjoli. Għalkemm l-ikonografija baqgħet kważi

l-istess, il-vari Maltin u l-istorja tagħhom fl-arti figurattiva Maltija żviluppat matul iż-żmien, waqt li żammew u xi kultant anke neħħew elementi oħrajn li nġiebu kemm minn Sqallija u l-Italja t'isfel u anke direttament minn Spanja.

Fi Sqallija hemm bosta tipi ta' vari - bustijiet tal-fidda mżejnin b'ħaġar prezzjuż, manikini mlibbsin, vari skulturati fl-injam jew immudellati fil-kartapesta u bil-pedestall dehbi għoli jew baxx jew anke mingħajru. F'Malta l-apparenza tal-vari hija aktar konsistenti, għalkemm mhux anqas dekorattiva. Il-vari Maltin huma pjuttost sempliċi fir-rappreżentazzjoni tagħhom, fejn il-figura qaddisa, imlibbsa ħwejjeġ sgraffiti u ndurati bid-deheb, tkun ġeneralment wieqfa f'qagħda glorjuża u eleganti bil-bażi sserraħ fuq pedestall tal-injam li generalment ikun indurat bid-deheb u li jkun għoli daqs kważi nofs il-vara nnifisha. Dan ikun marbut ma' bradella tal-injam li fiha jidħlu l-bsaten li bihom ir-reffiegħa jerfgħu l-vara matul il-purċissjoni. Fil-knisja, l-bradella sserraħ fuq bankun tal-injam imżejjen b'interzjar, skultura u/jew disinji tal-bronż.

Wisq probabbli, l-idea tal-pedestall imżejjen u ndurat bid-deheb oriġinat mill-pedestalli li nsibu taħt il-vari tal-Passjoni fi Spanja. Dawn jispikkaw għall-element dekorattiv li fihom fosthom skultura, brazzi kbar u anke anġli u puttini. Il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta, ironikament, ftit żammew mill-karatteristiċi Spanjoli. Dan għax il-vari Maltin huma ferm iżgħar fid-daqs u għalhekk huma anqas narrattivi, allura l-figuri jserrħu direttament fuq il-bradella milli fuq pedestal. Għalkemm il-purċissjonijiet f'Malta bdew fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, meta l-qagħda tal-pajjiż kienet pjuttost stabbli u r-reliġjon Nisranija kienet ħaġa awtomatika fil-mexxejja ta' dan il-pajjiż, ma nafux ezatt il-perjodu meta dawn bdew. Il-wasla f'pajjiżna tal-Ordnijiet Reliġjużi kompliet issaħħaħ ir-reliġjon fost il-Maltin u b'hekk mhux sorpriża li l-purċissjonijiet saru aspett pjuttost komuni.

Bis-sbuħija u l-kobor tal-Bereġ tal-Ordni u l-meravilja tal-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, il-Maltin fl-irhula bdew jaraw arkitettura u arti ta' kwalità għolja. Dan wassal sabiex huma wkoll jinvolvu ruħhom f'affarijiet simili u għalhekk raw kif isebbħu – jew saħansitra bnew mill-ġdid – l-aktar bini importanti fil-lokalità tagħhom, jiġifieri l-knisja. Matul dan il-proċess, il-Maltin saru aktar sensittivi għall-gosti artistiċi li kienu popolari f'dak iż-żmien u raw li l-knisja tagħhom tkun mgħammra bl-aqwa mod possibbli. Mhux ta' b'xejn, għalhekk, li l-aqwa skulturi, skalpellini, pitturi u disinjaturi kienu involuti f'numru kbir ta' kummissjonijiet sagri fil-knejjes Barokki li nsibu f'kull rokna tal-gżira.

Din l-attività serviet sabiex jikber il-patrijottiżmu parrokkjali, fejn il-popolin beda jħossu kburi b'dak li kellu r-raħal tiegħu u ma ddejjaqx jidentifika ruħu miegħu. L-aktar ħaġa li kienet tissepara raħal minn ieħor kienet il-patroċinju tal-qaddisin, u għalhekk ma setax jonqos li fost dawk il-kummissjonijiet sagri importanti li kienu għaddejjin, kien hemm dawk tal-vari li jirrappreżentaw il-patruni tal-irħula. Dawn il-vari bdew isiru tal-injam, li kien meqjus bħala materjal ta' preġju u li jkompli jgħolli l-livell artistiku tax-xogħol. Żgur li l-aqwa skulturi tal-pajjiż bdew jiġu mqabbda sabiex joħolqu dawn ix-xbihat hekk sinjifikattivi u n-nies bdew joqogħdu attenti li l-patrun tagħhom ikun muri bl-aqwa mod possibbli sabiex mhux biss jiġu esaltati l-virtujiet u l-qdusija tiegħu imma anke l-kobor tar-raħal u l-qima tal-poplu lejn il-patrun tiegħu.

Jidher li l-użu tal-vari fil-purċissjonijiet oriġina ukoll primarjament mill-belt Valletta u t-tlett ibliet tal-Kottonera li kienu ċentri importanti tal-pajjiż. Bil-preżenza ta' bosta familji għonja u negozjanti, fis-Seklu 17 ma kinitx ħaġa diffiċli biex jiġu kkummissjonati vari tal-injam bl-għan li jitpoġġew fil-knejjes u jinħarġu wkoll fil-purċissjonijiet. Matul dan il-perjodu, fil-Kottonera bdew ukoll jiddaħħlu l-vari titulari. Fl-Isla, fil-fatt, ix-xbiha ta' Marija Bambina setgħet kienet dik il-vara li wasslet sabiex jiġu kkummissjonati aktar vari għall-purċissjonijiet fl-inħawi tal-Port il-Kbir. Fil-Birgu, l-istil ta' vari mlibbsin kien intogħġob ħafna. Dan kien probabilment grazzi għal xi negozjanti li kienu ġew f'kuntatt dirett mal-vari Spanjoli u li daħħlu din l-użanza f'belthom. Dawn saħansitra ġabu magħhom ukoll l-irjus, l-idejn u s-saqajn sabiex bihom isiru vara li tirrapreżenta lil San Lawrenz u vari tal-Passjoni.

Matul is-Seklu 18, l-użanza tal-vari titulari nxterdet ukoll fl-irħula 'l ġewwa mill-Port il-Kbir. Dawn l-irħula raw li l-vari tagħhom ma jkollhom xejn anqas minn dawk tal-ibliet u bħalhom, daru għall-injam bħala l-materjal li minnu jkunu magħmulin dawn ix-xbihat. 'L bogħod mill-kuntest tal-vari titulari, ma jfissirx li f'ċerti rħula ma kienx hemm diġà xi tip ta' vara. Anzi huwa pjuttost fattibli li peress li l-istatwi-manikini kienu sempliċi u rħas biex isiru, dawn kienu komuni ferm fl-irħula Maltin, speċjalment dawk li jirrapreżentaw lill-Madonna, fejn għal kull titlu differenti kienet tintuża l-istess vara. Dan kien ukoll għall-ewwel vari tal-Passjoni, kif juru bosta dokumenti. Eċċezzjoni huwa l-każ tar-Rabat, fejn sa mill-1661 id-Dumnikani kellhom vara tal-*Madonna tar-*



*Rużarju* imnaqqxa fl-injam minn Melchiorre Cafa' u l-Franġiskani Minuri kellhom vara mnaqqxa ta' *Kristu Marbut mal-Kolonna* li probabbilment saret lejn l-aħħar tas-Seklu 16. Insibu wkoll każi bħal dawk ta' Ħal Luqa, Birkirkara, l-Mosta u Ħal Balzan fejn vara fl-injam tal-Madonna tar-Rużarju saret qabel dik tal-qaddis patrun.

Tkabbir u Żvilupp fis-Seklu Dsatax

Matul is-Seklu 19, in-numru ta' vari f'pajjiżna kompla jikber u jiżviluppa. Apparti vari titulari, bdew isiru wkoll numru ġmielu ta' vari tal-Ġimgħa Mqaddsa, li ħafna minnhom ħadu post oħrajn aktar qodma li kienu manikini. Bit-twaqqif u t-tisħiħ ta' numru kbir ta' fratellanzi fil-parroċċi fil-gżejjer, żdied ukoll l-element ta' ċelebrazzjoni organizzata f'kull parroċċa li wassal għat-twaqqif tal-festi sekondarji u anke każini tal-baned. Dawn il-festi sekondarji f'ċerti każi naqqsu l-pika bejn raħal u ieħor iżda żiedu l-pika fl-istess parroċċa. Għalhekk naraw kif bdew jiġu ordnati numru ta' vari għall-festi sekondarji: vari li saru bl-għan li mhux biss ikattru d-devozzjoni reliġjuża lejn il-qaddis jew Madonna partikolari, iżda wkoll biex jippruvaw jisirqu l-importanza tal-qaddis patrun tal-parroċċa billi ssir vara isbaħ mit-titular.

L-istess bħal fis-Seklu 18, baqgħu jsiru wkoll statwi tal-injam li juru lill-Madonna tar-Rużarju kif naraw fiż-Żejtun, is-Siġġiewi, Ħal Għaxaq u Bormla fost oħrajn. Sa dan iż-żmien, il-popolin kien għaraf jiddistingwi bejn xogħol sabiħ u ieħor anqas attraenti u għalhekk naraw kif f'dawn iċ-ċirkostanzi, gawdiet ħafna l-arti sagra Maltija li kienet għaddejja mill-aqwa mumenti tagħha. L-ewwel nofs tas-Seklu 19 kien iddominat primarjament mix-xogħlijiet tal-iskultur Mariano Gerada - li kien għadu kemm irritorna Malta minn Spanja fl-1796 – u l-alljievi tiegħu Pietro Paolo Azzopardi, Alessandro Farrugia u Salvatore Psaila. Magħhom insibu wkoll lil Vincenzo Dimech u xi artisti oħrajn bħal Giuseppe Bonnici, Antonio Chircop u Antonio Busuttil: kollha artisti li pproduċew vari fl-injam. F'dan iż-żmien bosta rħula kkummissjonaw il-vari titulari tagħhom, fosthom iż-Żurrieq, il-Furjana, l-Gudja, Birkirkara, l-Imqabba, Ħal Safi, Ħal Tarxien u l-Qrendi. F'Għawdex ukoll bdew isiru l-vari titulari, bi Pietro Paolo Azzopardi jipprovdi lil San Ġorġ għar-Rabat u lil San Ġwann Battista għax-Xewkija.

Il-vari ta' Mariano Gerada huma ddominati minn pozi eleganti u uċuħ fini b'karnaggjon bajdani. Kollha għadhom pożizzjoni ta' *contrapposto*, bi pjiegi mnaqqxin puliti u b'mod sistematiku. Bħala stil, nistgħu ngħidu li f'dal-perjodu, l-Barokk li tant kien popolari fis-sekli preċedenti beda jitħallat man-Neo-Klassiku tas-Seklu 19. Il-vari ta' Gerada jinkludu lil S. Marija ta' Ħal Għaxaq (1808), S. Katarina taż-Żurrieq (1818) u S. Mikiel f'Bormla (1819). Pietro Paolo Azzopardi kien l-aktar alljiev ta' Gerada li baqa' fidil lejn ix-xogħol tal-imgħallem tiegħu. Kemm it-teknika tat-tinqix fl-injam, it-tipoloġija tal-uċuħ u l-kompożizzjonijiet tal-vari in ġenerali huwa ħafna simili għal dawk ta' Gerada kif nistgħu naraw fix-xbihat tal-Madonna tar-Rużarju f'Bormla (1828) u S. Ġorġ tar-Rabat Għawdex (1839).

Ix-xogħlijiet ta' Alessandro Farrugia, alljiev ieħor ta' Gerada, huma aktar indipendenti mill-influwenza teknika tal-imgħallem għalkemm ċerti elementi estetiċi jindikaw il-konnessjoni bejn Gerada u Farrugia. Fost ix-xogħlijiet ta' Farrugia nsibu l-Annunzjata ta' Ħal Tarxien (1829) u S. Pawl ta' Ħal Safi (1840). Salvatore Psaila huwa l-aktar skultur li tbiegħed mill-influwenza ta' Mariano Gerada. Huwa ħħdem seba' vari biss li madanakollu kollha juru livell għoli ferm ta' skultura. Fil-vari tiegħu jispikkaw il-ħars tal-uċuħ, id-dettall tal-anatomija u l-fond fil-panneġġi tal-ilbies. Ezempji tipiċi tal-livell artistiku ta' Psaila nistgħu narawhom fl-istatwi ta' S. Elena f'Birkirkara (1837) u l-Immakulata Kunċizzjoni fir-Rabat Għawdex (1848).

Għalkemm il-kummissjonijiet li kellu mal-Gvern Ingliz ħadimhom kollha fuq stil Neo-Klassiku, l-vari li ħadem Vincenzo Dimech kienu essenzjalment ta' stil Barokk tipiku tas-Seklu 18 u għalhekk differenti minn dawk li kienu qed jipproduċu Gerada, Azzopardi, Farrugia u Psaila. Il-figuri tiegħu jagħmlu emfasi fuq il-qagħda u l-pożi pjuttost teatrali kif ukoll fuq l-espressjonijiet tal-uċuħ u l-moviment tad-drapp kif jidher sew f'San Publju tal-Furjana (1811) u San Ġużepp ta' Birkirkara (1826).

Ma' dawn l-iskulturi, matul l-ewwel nofs tas-seklu19 kien hemm oħrajn li forsi huma anqas rinomati iżda li xorta taw il-kontribut tagħhom fl-iżvilupp tal-vari titulari u proċessjonali. Dawn jinkludu lil Antonio Chircop: It-Trinità Qaddisa – l-Isla,1839, Santa Marija – il-Qrendi, 1840 u l-Madonna tar-Rużarju- il-Gudja, 1851. Vincenzo Bonnici: żewġ anġli għal mas-Salib Imqaddes - Bormla, 1858, żewġ anġli jżommu l-pavaljun tal-Kunċizzjoni - Bormla, 1862 u l-Madonna tar-Rużarju, Knisja tal-Annunzjata – il-Birgu, 1864. Antonio Busuttil: Santa Marija – Ħad-Dingli, 1861 u Salvatore Dimech: l-Annunzjata – Ħal-Balzan u Santa Marija – il-Mosta, 1868.

Vari tal-Kartapesta

Żvilupp importanti fl-istorja tal-vari titulari sar lejn nofs is-seklu 19 meta għall-ewwel darba dehru l-ewwel vari titulari maħduma



fit-teknika tal-kartapesta. Din it-teknika kienet ilha tintuża f'Malta sa mis-seklu 17 meta l-irjus, l-idejn u s-saqajn ta' ċerti vari-manikini kienu jsiru minn dan il-materjal speċjalment dawk relatati mal-vari tal-Passjoni. Għalkemm diġà kienu jeżistu xi vari simili anke qabel, fis-seklu 18 tfaċċa Saverio Laferla li hu rikonoxxut bħala l-ewwel statwarju Malti tal-kartapesta u li beda jaħdem vari sħaħ f'dan il-materjal. Minħabba l-preferenza tal-injam għall-vari titulari u ta' ċerta importanza, il-vari sħaħ tal-kartapesta xorta baqgħu limitati l-aktar għal rappreżentazzjonijiet tal-Passjoni ta' Kristu.

Bl-iżvilupp u l-irfinar tat-teknika tal-kartapesta, mgħejjuna mill-fatt li kienet orħos u aktar faċli biex il-vari maħdumin biha jinġarru, il-popolin ra li ma kienx aktar viabli li jibqa' jintuża l-injam peress li anke estetikament, id-differenza bejn vara tal-injam u oħra tal-kartapesta ma kinitx tidher. Din il-bidla fil-mentalità kienet frott il-fatt li l-kummissjoni ta' vari proċessjonali ma baqgħetx xi ħaġa speċjali iżda minħabba t-twaqqif tal-fratellanzi u l-bidu tal-festi esterni, saret anzi ħaġa komuni u naturali.

L-ewwel vara titulari fil-kartapesta saret fl-1853 għar-raħal tal-Għarb, Għawdex u tirrappreżenta *l-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Sant'Elizabetta*. Inħadmet minn Giuseppe Vella, li kien responsabbli mir-restawr u l-ħidma ta' vari tal-Passjoni f'Ħal Luqa u Ħal Għaxaq. Għaxar snin wara din l-istatwa, fil-gżira t'Għawdex beda nfluss kbir ta' vari titulari tal-kartapesta, maħdumin mid-ditta Gallard et Fils ta' Franza.

Fl-istess sena meta waslet l-ewwel vara ta' Gallard et Fils f'Għawdex (1863), l-istatwarju Carlo Darmanin kien ħadem vara titulari ta' Santa Margerita għar-rahal ta' Sannat. Sfortunatament, però, din damet tintuża biss għal 28 sena ghax fl-1891 din inbidlet ma' oħra tad-ditta Gallard et Fils. Dan jista' juri mhux biss kif l-Għawdxin kienu jippreferu xogħol barrani għax forsi aktar irfinut u estetikament aktar pjaċevoli minn dak Malti, iżda wkoll kif raħal kien isegwi l-passi tal-ieħor biex żgur ma jibqax lura milli jkollu l-aqwa u l-aħjar għall-patrun/a tiegħu.

L-istatwarju Carlo Darmanin iddomina x-xena tal-arti sagra tal-vari f'pajjiżna fit-tieni nofs tas-seklu 19 u l-ewwel snin tas-sekli 20. F'dan iż-żmien, it-teknika tal-kartapesta u l-kummissjonijiet tal-vari kienu fl-aqwa tagħhom anke minħabba parroċċi ġodda li kienu qed jitwaqqfu. Għalhekk ma setax jonqos li Darmanin jaħdem numru ta' vari titulari, aktar u aktar grazzi għall-uċuħ ħelwin, kompożizzjonijiet sempliċi imma naturali u pożi eleganti li kien joħloq: karatteristiċi li għamluh popolari ferm mal-Maltin. Fil-fatt, il-popolarità ta' Carlo kibret fl-1864 meta żżanżnet il-vara *tat-Trasfigurazzjoni ta' Kristu* ta' Ħal Lija.

F'din ix-xbiha, Darmanin ħoloq l-akbar vara titulari sa dak iż-żmien li turi lil Ġesù b'idejh miftuħin fuq is-sħab u b'Mosè u Elija magenbu fuq it-Tabor– vara li żgur li saħħret u impressjonat lil kull min raha għall-ewwel darba. Fiha, l-istatwarju laħaq il-limitu tekniku li l-kartapesta tippermetti, bil-figuri mtajrin mill-art u l-panneġġi kbar u wisgħin iżidu mad-drammatiċità tax-xena. Apparti l-vari ta' *Santa Margerita* u tat-*Trasfigurazzjoni*, Carlo Darmanin ħadem ukoll tliet vari titulari oħra fil-karriera illustri tiegħu. Dawn kienu *San Leonardu* għal Ħal Kirkop (1877 u nbidlet fl-1949), *San Gejtanu* għall-Ħamrun (c.1885-1888) u *San Ġiljan* (1893).

Carlo Darmanin kellu wkoll xi qraba li kienu jaħdmu l-vari tal-kartapesta. Dawn kienu ħuh Giovanni, li ħadem il-vara *tal-Madonna tal-Ġilju* fl-1876, u neputih Gerolamo Darmanin li bħala vara titulari ħadem fl-1879 *il-Madonna tas-Sacro Cuor* għal Tas-Sliema. Bħal Carlo, dawn l-istatwarji kienu involuti wkoll fil-ħidma ta' vari tal-Passjoni u anke statwi għat-tiżjin tat-toroq waqt il-festi.

L-influwenza ta' Darmanin baqgħet tinħass fil-kummissjonijiet li saru wara mewtu fl-1909 permezz tal-alljievi tiegħu Carmelo Mallia u Giuseppe Cilia li komplew jaħdmu l-istatwi u l-vari fuq l-istil ta' Carlo. Mill-ħafna xogħol li ħadem, Mallia kien ġie kkummissjonat u *Santa Venera* għar-raħal li jġib l-istess isem. Kien hemm ukoll Vincenzo Maria Cremona li bħalhom kien qed iħabbatha mal-kompetizzjoni li l-vari maħdumin barra minn pajjiżna kienu qed joffru. Fil-fatt, fost ħafna statwi għat-tizjin tat-toroq li ħadem Cremona irnexxielu jirbaħ il-kummissjoni għall-vara titulari ta' *Stella Maris* f'Tas-Sliema (1887), iżda din inbidlet ma' xogħol Franċiż erba' snin biss wara (1891).

Matul is-seklu 20, in-numru ta' vari titulari f'pajjiżna baqa' jiżdied, l-aktar minħabba l-parroċċi l-ġodda li komplew jitwaqqfu. Ħafna minnhom inħadmu barra minn Malta u huwa interessanti kif reġgħet żdiedet il-preferenza għal vari tal-injam. Dan biex forsi l-parroċċi l-ġodda jpoġġu lilhom infushom fuq l-istess livell tal-parroċċi l-antiki bħala preġju tal-vari titulari tagħhom. Fost vari tal-injam li nħadmu barra matul is-Seklu 20 insibu S. Ġuzepp tal-Kalkara (1949), S. Pietru ta' Birżebbuġa (1959), il-Madonna tal-Karmnu tal-Fgura (1960) u t-Trinità Qaddisa tal-Marsa (1979). Kien hemm żewġ vari titulari li nħadmu Malta fl-injam matul is-seklu 20. Dawn kienu San Bastjan għal Ħal Qormi (1938) u l-Madonna ta' Lourdes għal Raħal Ġdid (1980) li nħadmu



minn Ġorġ Borg u Samwel Bugeja rispettivament.

Minbarra nġiebu wkoll numru ta' vari titulari maħduma fil-kartapesta. Dawn jinkludu *Santa Marija* tal-Imġarr (Marsilja 1922), *il-Madonna tal-Karmnu* tal-Gzira (Lecce 1944) u l-*Kunċizzjoni* tal-Ħamrun (Ruma 1985). Inħadmu wkoll numru ta' vari titulari fil-kartapesta Maltija, li huma *l-Madonna ta' Fatima* għal Gwardamanġa, xogħol ta' Ġlormu Dingli tal-1970, *Marija Regina* għall-Marsa (1976) u *San Ġwann tas-Salib* għal Ta' Xbiex (1981), it-tnejn xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi.

Konklużjoni

Il-poplu Malti baqa' dejjem iħoss il-ġibda lejn il-patrun tar-raħal tiegħu permezz tal-vara titulari. Tant hu hekk li sal-aħħar snin tas-Seklu 20 fir-raħal Ghawdxi tal-Għasri kien sar referendum biex jiġi deċiż jekk issirx vara titulari ta' Ġesù Ewkaristiku Salvatur. Ir-referendum għadda favur il-kummissjoni ta' vara titulari b'81.78% u għalhekk tqabbad l-istatwarju Michael Camilleri Cauchi sabiex jaqta' x-xewqa tal-Ghasrin. L-importanza estetika tal-vari titulari baqgħet tingħata importanza anke sal-lum il-ġurnata kif rajna bl-eżempju tal-vara ta' San Girgor il-Kbir f'Tas Sliema, fejn minħabba li x-xewqa tal-parruċċani li jbiddlu l-vara dejjem sabet xi ntoppi biex issir realtà, dawn iddeċidew li jbiddlu b'mod drastiku d-dehra tal-vara li diġà kellhom.

Il-vari titulari taghna l-Maltin mhux biss baqgħu l-aktar xogħol artistiku popolari f'qalb in-nies, iżda wkoll baqa' l-aktar mezz devozzjonali b'saħħtu li jgħaqqad l-imħabba tal-fidili mal-qaddis/a patrun/a tagħhom, li minn ċkunithom ikunu draw iħobbu. Mhux ta' b'xejn li l-aktar mument importanti fil-festi kollha li jiġu ċċelebrati f'pajjiżna huwa proprju il-ħin tal-purċissjoni u b'mod partikolari meta toħroġ il-vara fil-bieb tal-knisja u ddur it-toroq tal-parroċċi. L-attenzjoni ta' kulħadd tkun fuq il-vara, bi ħruq ta' musketterija u kaxxi infernali meta din tasal f'xi rokna importanti tar-raħal jew quddiem xi sede ta' xi għaqda. Irridu ngħidu wkoll li l-vari tant saru aspett popolari tal-festa li ma baqghux marbutin biss mal-purċissjonijiet tal-knisja imma maż-żmien ġew inkorporati wkoll mal-marċi tal-briju, fejn f'xi rħula tinġarr xbiha tal-qaddis/a patrun/a li tkun proprjetà ta' każin ta' banda fejn il-marċ jilħaq il-qofol tiegħu bit-tlugħ fuq il-pedestall ta' din il-vara li tkun armata f'xi post prominenti. Tajjeb għalhekk li napprezzaw dawn il-vari, mhux biss għal dak li jirrappreżentaw iżda wkoll għaliex huma parti integrali minn fergħa unika tal-istorja tal-arti Maltija li għadha tiżviluppa sal-ġurnata tal-lum.


Luciano
Restaurant · Pizzeria




Cettina Cafe
Pizza Pasta e' Cafe

21, 22, Merchants Street, Valletta
Telephone 2123 6212

Beauty Creations

- Facial Treatments
- Waxing
- Manicures
- Pedicures
- Slimming Treatments
- Make-up
- Dutch Tulip Body Massages

***174, Triq il-Qadi***
***Żejtun***
**Tel: 2189 5490**
**Mob: 7989 5490**



*Rosanne Debattista*
Beauty Therapist
ITEC. IHBC.MABT.CIDESCO